**KUNSILL LOKALI TAL-MTARFA**

---

**IL-ĦAMES LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 30 – il-Gimgħa, 9 TA' Settembru 2011 FIT-7.45PM**

Il Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Anthony Mifsud | Sindku |
| Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| Antoine Vella | Kunsillier |
| Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Skużata

| | |
|---|---|
| Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti 28**

Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti numru 29. Is-Sindku Anthony Mifsud ippropona li jiġu approvati l-minuti. Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Ħlasijiet u Pagamenti**

Il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sindku Anthony Mifsud ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Kommunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

3.1 Giet kommunikata invite mingħand Il-Baden Powell Scout Group, id-Drama Group u Mtarfa Snack Bar.

3.2 Għanda ssir laqgħa mad-Depiro nhar it-Tlieta 14 ta' Settembru 2011

3.3 Saret timetable għal laqgħdiet u gruppi li juzaw il-kamra tal-kunsill. Din it-timetable għanda titwaħħal mal-bieb.

3.4 Intalbet 4 kwotazjonijiet biex jigi printed il-magazine tal-kunsill, il-ħolqa. 2 batu l-offerti tagħhom, Agius Print 966 euro u Offset Press 456.75 euro. Gie deċiz li tintazel tal-Offset Press minħabba li hija l-irħas offerta.

3.5 Transport Malta informaw il-kunsill li Residents Parking Scheme qegħda terga tigi kunsidrata. Hemm numru ta' kundizjonijiet biex din tigi implementata. Is-segretarju għandu jagħmel xi riċerka u terga tigi diskussa darba oħra.

## 4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Għandu titwaħħal tabelli mmarkati "periku/danger" ma Binja Tifkirijet Puniċi minħabba xi periklu li hemm għal minn ikun qed jimxi hemm

4.2 Il-proċess tal-bini mill gdid tal-bandli ghada addejja u qed nistennew l-approvazjoni tal-finanzjament tal-ewwel fazi. Kien hemm qbil li l-partijiet tal-banli li qed fadal għandhom jiċċaqalqu.

4.3 Saret talba biex l-ispizerjia l-gdida twaħħal diectional signs. Ma kienx hemm oggegjonijiet.

4.4 Is-Sindku gie infurmat mill-Housing Authority lil-problema ta' aċċess tal-clubhouse gie resolta. Il-Kunsill għadu ma giex infurmat mod ufficjali.

4.5 Is-Sindku gie infurmat min Transport Malta lil-Arriva irrangat ir-rotot biex is-service għal Universita u Mater Dei ikun diretti mill-iMtarfa.

4.6 Għanda tinbad ittra lil hwienet tal-lokal biex ma iħallux kaxxi madwar l-iskips tar-riċiklag.

## 5 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv

5.1 Saret diskussjoni rigward ir-rapport tal-bord tal-għazla. Gie innotat li s-Sinjura Josette Micallef, u s-Sinjura Emma Grech, aċċetaw li jigu jaħdmu l-kunsill lokali tal-iMtarfa. Is-Sur Svetlik Flores ikkomunika li hu madux interest.

5.2 Is-Sindku Anthony Mifsud ppropona li s-Sinjura Micallef tigi maħtura Segretarju Ezekuttiv, il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 6 Aġġornamenti u xogħlijiet

6.1 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Memo 77/2011 fejn din qegħda informana li mgħex il-bzonn ta' rċevuta fiskali għal xogħijiet ta' valur zgħir. Din tista tigi applikata għax fuq il-Torri tal-arlogg. Gap għall-attenzjoni ukoll li hemm 20 persuna għall-aerobics.

6.2 Il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li:

L-antenna BFBS għandu l-bozza maqtua, għanda tinkiteb ittra lil GO. Għanda titwaħħal tabella ta' avvizz tal-kanal fi triq Vincenzo Bonello, u titneħħa s-sigra mis-softarea ta' Gregorio Caraffa biex din ssir bis-sigar taz-zebbug. Ix-xogħolijiet tkomplew b'tikhiel f'diversi postijiet, diversi manutenzjoni madwar il-lokal u twaħħil ta' madum fil-pjazza.

6.3 Il-Kunsillier Antoine Vella ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Hemm bżonn applikazjoni ġdida għall-bozza fi Triq il-Prosperina.

**7 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fil-9.00pm. Ġie deċiż mill-kunsilliera kollha li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 20 ta' Ottubru fit-8.00pm

**Kurt Guillaumier**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Anthony Mifsud**
**Sindku**